IT-TRASPORT PUBBLIKU F’MALTA

Ir-reazzjoni ta’
l-Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku
għad-dokument maħruġ
mill-Ministeru għall-Infrastruttura,
Trasport u Komunikazzjoni

Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku

Public Transport Association

Hire of Coaches & Vintage Buses

41, Dun Ġorġ Preca Street, B'Bajda HMR 1600
Tel: 2125 0007/8/9 - Fax: 2124 5715
www.atp.com.mt
atp@atp.com.mt

DAĦLA

L-Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku magħrufa fil-qosor bħala l-ATP ilha mwaqqfa għal dawn l-aħħar tlettin sena. Hija l-Organizzazzjoni li tgħaqqad is-Sidien kollha tax-xarabanks jew buses li joperaw fis-sistema ta' trasport pubbliku. Aħna distinti u differenti mill-ADT li hija l-Awtorita' Dwar it-Trasport. Filwaqt li ADT hija Awtorita' mmexxija u ffinanzjata kollha mill-gvern, l-ATP hija aħna s-sidien individwali li magħqudin flimkien noperaw it-trasport pubbliku u li minnu naqilgħu l-għixien għall-familji tagħna.

L-Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku tħaddem madwar 600 ruħ u llum tinsab taħt theddida serja dwar l-eżistenza tagħha. Wara li l-Gvern permezz tal-Ministru l-Onor. Dr. Austin Gatt vara rapport rigward it-trasport pubbliku, l-Assoċjazzjoni ħasset li jkun xieraq li hija tesprimi l-fatti u l-veduti tagħha dwar dak li ġara fil-passat, x'qed jiġri fil-preżent u l-intenzjonijiet futuri tal-gvern rigward dan is-settur.

L-ATP trid turi lil kulħadd li minkejja l-wegħdi u l-paroli li saru u qed isiru fuq it-trasport pubbliku, kien ftit ħafna dak li fir-realta' twettaq. Iżda issa l-Gvern hu magħfus mill-Unjoni Ewropeja biex sas-sena 2010 iwettaq riforma fit-trasport pubbliku simili għal li hemm f'pajjiżi oħra membri tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant il-Gvern ma jistax jibqa' jidħaq bil-Poplu, u iktar u iktar, bis-Sidien tal-karozzi tal-Linja, l-Ħaddiema u l-Familji dipendenti minnhom, li s-sors tal-għixien tagħhom ġej minn dan is-settur.

Aħna, kuntrarju għal dak propost fid-dokument tal-Gvern qed nistennew lill-Prim Ministru jżomm u jwettaq il-Ftehim li flimkien Miegħu u l-Ministru l-Onor Jesmond Mugliett wasalna għalih ftit xhur ilu biss, eżatt fi Frar 2008. B'hekk ir-riforma ssir kif miftiehem u tkun ta' ġid għas-Sidien u l-Ħaddiema kollha fis-settur ta' trasport pubbliku u mhux l-inqas ta' benefiċċju, effiċjenza u aktar kumdità għall-Poplu Malti.

Victor Spiteri
President - Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku
Chairman - Federazzjoni tat-Trasport ta' Malta

EUROPEAN
EXCELLENCE
AWARDS
2007

Nominee

The Public Transport Association Malta
The Maltese Route Bus Service Management
With Maltabus Advertising Ltd

was nominated for the European Excellence Award 2007
for outstanding accomplishments in the field of communications and PR

in the category

Automotive and Transport

Berlin, December 13th, 2007

Florence Ranson
Chairwoman of the Jury

Marc-Oliver Voigt
Chairman of the Jury

L-Iżvilupp tal-Assoċjazzjoni ta' Trasport Pubbliku (ATP)

It-Trasport Pubbliku hu s-sinsla ta' kif jopera l-pajjiż. Il-mobilità tan-nies u ndividwi hija kruċjali għall-ekonomija tal-pajjiż.

Wara li spiċċat l-era tat-tram f'Malta bdew jiddaħħlu l-karozzi bil-mutur u minn hemm telaq is-servizz tal-karozzi tal-linja li ssostitwixxa kull mezz ieħor ta' trasport u mobilità tan-nies.

L-ewwel intraprendituri kienu diversi kumpaniji li wara li dawn fallew, inxtraw minn sidien individwali. Wara ngħaqdu fi tliet kumpaniji. Dawn l-istess ma setgħux ikampaw biex imbagħad fl-1977 il-Gvern ta' dak inhar għaqqadhom f'kumpanija waħda taħt l-isem ta' 'The General Transport Union'.

Minn hemm 'l hawn is-sidien ingħaqdu taħt l-Assoċjazzjoni li llum hija magħrufa bħala l-Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku (ATP).

Tul it-tletin sena li għaddew l-Assoċjazzjoni ħadmet bis-sħiħ biex tħares l-interessi tal-membri tagħha u żammithom mgħaqudin flimkien filwaqt li żammet relazzjoni tajba mal-gvern tal-ġurnata. Għalhekk issa l-Awtoritajiet tal-pajjiż setgħu jitkellmu ma' Organizazzjoni Nazzjonali flok ma' ħafna sidien individwali. L-Assoċjazzjoni dejjem għarfet kif timxi u tikkoppera mal-gvern tal-ġurnata ħalli jitjieb is-servizz.

Illum l-Assoċjazzjoni topera madwar 82 rotta madwar Malta b'aktar minn 4,300 vjaġġ kuljum. Dan minbarra li topera wkoll servizz ta' bil-lejl minn diversi bliet u rħula, minn u għal Paceville. Barra minn hekk topera wkoll ġarr ta' tfal ta' l-iskejjel ta' l-istat u xogħol ieħor privat konness mal-ġarr ta' passiġġieri. Tul dan iż-żmien l-ATP introduċiet diversi rotot ġodda minkejja li xi wħud minnhom joperaw b'telf.

IT-TRASPORT PUBBLIKU F'MALTA

Viżjoni għal Trasport Pubbliku li jaqdi lill-Pubbliku f'kuntest

ta' sostenibbiltà ambjentali

Dokument imħejji mill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

Lulju 2008

SILTA MILL-INTRODUZZJONI TAL-MINISTRU ONOR. AUSTIN GATT GĦAD-DOKUMENT PREŻENTAT F'ISEM IL-GVERN RIGWARD IT-TRASPORT PUBBLIKU F'MALTA

Il-Gvern u l-Maltin u l-Għawdxin kollha jridu jaraw riforma fit-Trasport Pubbliku. Issa wasal iż-żmien fejn ngħaddu verament għall-fatti u nimmiraw li sa l-2015 ikollna sistema ta' trasport pubbliku li taqdina verament. Fl-imgħoddi saru diversi attentati biex jiġu rranġati problemi rikkorrenti. F'xi affarijiet morna 'l quddiem iżda ġeneralment il-pubbliku baqa' m'hux sodisfatt bil-livell ta' servizz li qed jingħata. Għalxejn nippruvaw inwaħħlu f'dan u fl-ieħor, hu probabbli li kulħadd irid jerfa' parti mit-tort. L-importanti issa hu li nħarsu 'l quddiem u flimkien insibu soluzzjonijiet għall-problemi li ilna nafu x'inhuma.

Nifhem li dan se jiswa l-flus u nifhem li rridu nibnu sistema integrata ta' trasport li tkun kummerċjalment vijabbli bil-Gvern li jissussidja s-setturi soċjali li ħaqqhom l-għajnuna. Nifhem ukoll, iżda, li sistema ta' trasport integrata u moderna trid titmexxa bi professjonalità bil-għan li tagħti servizz ta' eċċellenza u jekk dan iseħħ allura nemmen li l-utent ikun lest iħallas għas-servizz.

Il-*mission statement* tagħna għalhekk nemmen li għandu jkun: *"biex ikollna servizz ta' trasport pubbliku ambjentalment u finanzjarjament sostenibbli, integrat u modern, li hu mfassal biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' min jużah"*.

Austin Gatt

Risposta ta' l-Assoċjazzjoni (ATP)

L-ATP hija konxja ta' l-importanza lit-trasport għandu fl-ekonomija u fl-iżvilupp tal-pajjiż u għaldaqstant minn dejjem kienet lesta biex tikkontribwixxi u tipparteċipa f'kull inizzjattiva biex dan il-għan jintlaħaq. Kif diġà nkiteb mill-awtoritajiet tal-pajjiż dan is-settur ma ngħatax l-attenzjoni meħtieġa u neċessarja tul dawn is-snin.

Għall-ATP hija validissima l-ammissjoni tal-Onor. Ministru Austin Gatt fejn iddikjara li s-sistema preżenti fit-trasport pubbliku hija falluta, għax din hija xiehda ta' kemm dan il-gvern falla fejn jidħol dan is-settur. Ir-raġunijiet prinċipali

għal dan il-falliment huma, it-telqa sħiħa li tħalliet tirrenja kif ukoll il-ħeġġa li jitwettqu l-wegħdiet miftehma.

Eżempji:

- *Vened mingħajr ebda informazzjoni għall-pubbliku.*

- *Nuqqas ta' faċilitajiet anke sanitarji kemm għall-pubbliku u kemm għall-ħaddiema*

- *Ma twettaqx il-ftehim iffirmat fl-2004 fejn fost diversi miżuri kellha tiddaħħal fis-servizz is-sistema ta' l-AVL. Din is-sistema kienet maħsuba biex tagħti informazzjoni komprensiva lill-passiġġier, lill-operatur (ATP), kif ukoll lir-regulatur (ADT) fuq is-servizzi kollha offruti fis-servizz tat-trasport pubbliku. B'hekk b'dan il-mod kellu jkun hemm sorveljanza tal-operat kollu tas-servizz provdut. Dan kien ħa jsir ġurnata b'ġurnata u għaldaqstant wieħed seta' jibda jikkoreġġi u jirranġa n-nuqassijiet.*

- *Ma tkompliex il-ftehim li l-ATP laħqet mal-gvern fl-1995 sabiex jinbidlu l-karozzi tal-linja l-qodma ma' oħrajn ġodda.*

L-ATP kienet konxja li mad-dħul ta' Malta bħala membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, il-pajjiż kellu jaddotta regoli u miżuri ġodda fejn jidħol il-qasam tat-trasport. Hawn l-ATP wara li kummissjonat studju wissiet lin-Negozjaturi tal-gvern Malti dwar tibdil li jrrid iseħħ u li mhux tajjeb għall-pajjiżna. Fil-fatt l-Assoċjazzjoni matul in-negozjati pparteċipat bis-sħiħ f'diversi laqgħat fosthom fil-MEUSEC sabiex tgħin lill-Gvern fin-negozjati ta' qabel is-sħubija.

Minkejja t-twissijiet tal-ATP in-negozjaturi min-naħa tagħhom taw l-assigurazzjoni li l-UE aċċettat li l-mezzi ta' trasport f'Malta jkunu protetti għax qieset iċ-ċirkustanzi speċjali ta' Malta. Li llum, tlett snin wara s-sħubija fl-UE, il-Gvern Malti se ikollu jattwa l-leġislazzjonijiet kollha, bħal kull pajjiż ieħor membru, dan juri l-qerq li mexa bih il-Gvern fin-negozjati dak iż-żmien.

Minħabba dan, illum l-ATP qed tiffaċċja problemi sforz negozjati ħżiena li aċċettaw in-negozjaturi f'isem il-Gvern Malti. Il-pariri ta' l-ATP dak inhar kienu li Malta minħabba ċ-ċokon tagħha kemm fil-popolazzjoni kif ukoll f'distanzi, in-negozjati kellhom ikunu kkonċentrati fuq reġjun u mhux fuq pajjiż.

Minkejja dan kollu l-ATP qed tħares 'il quddiem sabiex tikkumbatti għal dawn l-ostakoli biex issostni l-eżistenza tagħha u l-interessi u l-investiment li s-sidien għandhom fis-settur tat-trasport pubbliku.

Mid-dokument tal-Gvern

FEJN FALLEJNA

Ir-raġunijiet li ġejjin huma probabilment l-aktar raġunijiet importanti għaliex sa issa falla t-trasport pubbliku ta' pajjiżna:

1. Ir-rotot tagħna tfasslu ħafna snin ilu u s-sistema li għandna tirreaġixxi bil-mod wisq għal kif tinbidel id-domanda għal rotot ġodda u frekwenzi differenti. It-Terminus tal-Belt hu l-fus li fuqu jistrieħu l-komunikazzjonijiet kollha li jfisser li bliet qrib xulxin iżda 'l bogħod mill-Belt m'għandhomx konnessjoni tajba.

Żviluppi ġodda u konċentrazzjonijiet ġodda ta' domanda għat-trasport kważi qatt ma jinfluwenzaw l-ippjanar tat-trasport pubbliku. Ikun hemm ċaqlieq biss meta jieħu l-inizzjattiva l-Gvern u l-Gvern hu diżinċentivat għax bl-arranġamenti kuntrattwali li għandna, rotta ġdida, flok tfisser aktar dħul għas-sistema tat-trasport pubbliku, tfisser biss aktar sussidju li jħallas il-Gvern. Ir-riġidità fir-rotot tagħna hi pjaga inutli għax suppost li għax għandna karozzi tal-linja (u m'hux tren jew tramm) m'għandux ikun diffiċli biex nibdlu rotot malajr. Iżda dan qatt ma rnexxielna nagħmluh.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Tajjeb wieħed jiċċara li r-rotot qatt ma jitfasslu mill-ATP iżda huma mponuti mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta immexxijja mill-Gvern. Kull meta sar xi tibdil, dejjem sar bi qbil bejn l-ADT u l-ATP.

Anke ċertu tibdil propost sabiex ir-rotot jaġġornaw ruħhom għaż-żminijiet ta' llum, kemm jekk il-proposta tkun ġejja mill-ADT jew mill-ATP, ġieli ġara li din issib reżistenza kemm minn xi residenti, Kunsilli Lokali jew xi Ministru li jkollu kostitwenza f'dik il-belt jew raħal partikulari.

Rigward il-kwistjoni tas-sussidju dan ikun meħtieġ għal diversi raġunijiet fosthom li:

a) L-ADT tiffissa n-noll ta' kull rotta.

b) Qabel rotta tkun introdotta ma jsirx studju dwar il-vijabilità tagħha.

c) Ir-rotta tista' tkun għall-benefiċċju soċjali li f'liema każ ma tistax iġġorru l-ATP, iżda jrid ikun sostnut mill-Gvern kif inhu d-dmir u l-obbligu tiegħu lejn iċ-ċittadin.

Għaldaqstant, mhux korrett li tingħata l-impressjoni li s-sussidju li jingħata lis-sidien qisu qed jingħata 'gratis' u mhux biex jinżamm noll irħis għall-pubbliku. Dan jidher ċar mid-dokument mħejji mill- *UK Commission for Integratad Transport (2001)* ***u nkluż fir-rapport imħejji mill-konsulenti*** *Ernst & Young Ltd.*

Figure 5: Comparative fares across Europe



Source: UK Commission for Integrated Transport (2001)

Tabella li tikkompara l-prezzijiet tan-noll tat-trasport pubbliku fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja u li turi li Malta hija l-orħos fost kulħadd.

Dan juri li Malta għandha l-orħos nollijiet fit-trasport pubbliku fl-Ewropa.

Tajjeb li wieħed isemmi li fis-snin li għaddew l-ATP ipparteċipat f'laqgħat ma' l-ADT sabiex jitfassal programm u pjan ta' rotot ġodda biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-lum. Iżda sa llum il-Gvern għadu ma kkonkludiex fuq dan il-pjan.

Meta l-Gvern ilesti u jgħaddi dan il-pjan lill-ATP, tkun pronta li taħdem fuqu mmedjatament u tagħti r-reazzjoni tagħha fi żmien qasir .

Mid-dokument tal-Gvern

2. Il-karozzi li jintużaw fuq il-linja m'humiex adegwati għas-servizz li għandna bżonn. Il-karozzi li għandna huma kollha ta' l-istess daqs: żgħar wisq għal ċertu rotot iffullati u kbar wisq għal ċertu rotot oħra. Jekk għax kbar wisq għandna konċentrazzjonijiet sħaħ tal-popolazzjoni (l-aktar fl-irħula l-qodma) li huma dejjem il-bogħod mit-trasport pubbliku. Jekk għax żgħar wisq naħdmu b'mod li m'hux effiċjenti billi niddedikaw aktar karozzi milli kieku jkun hemm bżonn biex iservu xi rotta jew oħra.

3. Il-karozzi ta' fuq il-linja huma qodma u l-programm ta' bidla tagħhom hu lent, ħali u daqt isir inutli. Hemm wisq karozzi li m'humiex xierqa għall-aspettattivi raġjonevoli tal-pubbliku. Issir diskussjoni fuq l-arja kundizzjonata fejn f'ħafna mill-karozzi li għandna anqas biss għandna ventilazzjoni adegwata u siġġijiet suriet in-nies.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Fl-1995 ġie ffirmat ftehim bejn il-Gvern, l-ADT u l-ATP sabiex ix-xarabanks kollha f'Malta jinbidlu fuq medda ta' 3 snin u li dawn kellhom ikunu ta' standards Ewropej. Il-Gvern attwa dan il-ftehim 8 snin wara u biddel biss madwar 140 karozza minn 508. Fir-rigward ta' daqs u speċifikazzjonijiet dawn inħargu mill-ADT f'isem il-Gvern.

Li llum wieħed jgħid li l-karozzi l-ġodda li kienu mpurtati mill-Gvern 5 snin ilu, issa m'għadhomx adekwati, din tagħti wieħed x'jifhem li d-deċiżjoni ta' dak inhar kienet waħda ta' politika żbaljata mill-ADT.

Jekk illum hemm il-ħsieb li jidħlu fis-servizz xarabanks ta' daqsijiet differenti, l-ATP tinsab disposta li tiddiskuti u taddotta kull proposta pożittiva sabiex jitjieb is-servizz.

Mid-dokument tal-Gvern

4. Is-sistema li għandna li kull xufier (jew kważi) hu sid il-karozza, jfisser li qed inħallsu sussidji goffi u wisq aktar milli hemm bżonn biex nibdlu l-flotta. U sakemm nilħqu kull m'għandna nibdlu.......

5. Is-sistema li xufier jaħdem darba iva u darba le hi sistema ħażina. L-ewwel nett fil-ġranet ta' xogħol xufier jaħdem mas-16-il siegħa. Dan hu numru ta' siegħat esaġerat u perikoluż. M'hux ta' b'xejn il-passiġġiera jilmentaw li spiss isibu xufiera żorri u mdejqin. Hu mertu tax-xufiera li ma jkollniex aktar inċidenti b'dawn it-tipi ta' xiftijiet, iżda ma jistax ikun nibqgħu nieħdu dan ir-riskju. It-tieni nett ma jistax ikun li nissussidjaw l-operat tat-trasport pubbliku fuq il-bażi ta' 500 karozza biex kuljum nużaw biss nofshom għax in-nofs l-ieħor ikun frank. Dan qisna qed ngħidu li għax pilota ta' l-Air Malta ma tistax tgħidlu jtir 24 siegħa kuljum, meta jkun bil-frank l-ajruplan tiegħu inżommuh fil-hangar u ma ngħidux pilota ieħor itajjru minfloku. Qed naħlu l-flus li kieku nistgħu nużawhom f'servizz aħjar.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Is-sistema li kull xarabank taħdem darba iva u darba le tiġi mill-ħtieġa li s-sid m'għandux dħul adekwat minn fuq ir-rotot għax dawn huma dettati mill-ADT irrispetivament jekk hux vijabli jew le.

Il-Gvern iħallas €37,269 lil kull sid fis-sena, li minnhom kull sid irid inaqqas l-ispejjeż, fost l-oħrajn ta' 'l fuq minn €14,000 fi fuel u mat-€12,000 ħsarat fix-xarabank. Għaldaqstant meta wieħed inaqqas dan kollu jifdal dħul ta' paga minima, wieħed irid iqis ukoll li dawn is-sidien huma meqjusin bħala

self employed.

Allura jifdal il-ħtiega li jkun hemm introjtu ieħor. Kif jgħid tajjeb id-dokument tal-Gvern kull xufier jaħdem 16 il-siegħa kuljum li huma ekwivalenti għal jumejn xogħol. Mela xufier jew sid ix-xarabank xorta qed jaħdem is-sigħat tiegħu, anzi aktar, 56 siegħa bbażati bis-Sibt u l-Ħadd meqjusa bħala granet normali ta' xogħol. Għalhekk dik il-ġurnata l-oħra sservi biex isir xogħol privat jew biex issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq ix-xarabank.

Kif qed ikun propost lis-sidien fid-dokument preżentat mill-gvern, ser ikun ifisser li huma jkunu kkunsidrati bħala xufiera, b'riżultat li ser ikun hemm bżonn id-doppju tan-numru ta' xufiera li hemm bħalissa fuq ir-rotot.

Mill-esperjenza wieħed jista' jikkonkludi li b'dan it-tibdil ta' xufiera fuq kull xarabank ser ikun hemm żieda konsiderevoli ta' ħsarat.

Wieħed qed jinsa l-fatt li dawn ix-xarabanks sa llum qed jigu ggaraxxjati għand is-sidien stess. Ġaladarba dawn is-sidien jispiċċaw u jsiru xufiera, il-Gvern irid jaħseb fuq kif ser jiggaraxxja dawn ix-xarabanks go 'hubs' kbar bħal ma jsir madwar l-Ewropa kollha.

Allura wieħed irid jifhem xi spiża kapitali ġġorr magħha proposta bħal din.

<u>Mid-dokument tal-Gvern</u>

6. Illum niggarantixxu lill-liċenzjati kollha dħul irrispettivament mill-patrunaġġ. Din is-sistema daħlet bil-ftehim ta' l-1995. Ma nemminx li hi kumbinazzjoni li qabel l-1995 il-patrunaġġ żdied kull sena u wara l-1995 il-patrunaġġ naqas kull sena. Minn mindu d-dħul ta' l-operaturi tat-trasport ma baqax ikollu x'jaqsam ma kemm jirnexxi l-kummerċ ta' din l-operazzjoni, waqafna niġru wara l-passiġġieri jekk m'hux imbuttajnihom għax jaqbel lill-liċenzjatur li jkollu anqas patrunaġġ biex jaqla aktar mis-sussidju li ma jiswielu xejn.

<u>Ir-reazzjoni ta' l-ATP</u>

Fl-1995 kien il-Gvern li daħħal is-sistema ta' sussidji minflok li għolew in-nollijiet. Fir-rigward tal-patronaġġ li qed jissemma li wara l-1995 dan naqas imqabbel mas-sena 1994, din hija ntenzjonata biex tiżgwida lill-pubbliku. Dan għaliex fl-1994 it-tfal ta' l-iskejjel ta' l-istat u l-ħaddiema tal-fabbriki ma baqgħux jinġarru mir-rotot tat-trasport pubbliku bin-noll. B'riżultat ta' dan il-patrunaġġ naqas minn dak tas-sena ta' qabel. Wkoll ma jissemma xejn fid-dokument tal-gvern, dwar kif l-ATP introduċiet numru ta' rotot diretti li jgħaqdu diversi bliet u postijiet turistiċi bħal:

• Tas-Sliema diretta għal Buġibba, Għajn Tuffieħa u l-Mellieħa.

• Rabat u Buġibba.

• Buġibba, Għajn Tuffieħa u Ċirkewwa.

• Buġibba u Marsaxlokk via Tas Sliema.

• Diversi rħula u bliet mal-Junior College u l-Università.

• Introduċiet biljetti li jkopru ġurnata vjaġġar jew ġimgħa u flok il-passiġġier joqgħod jixtri biljett għal kull rikba, jista' jixtri biljett wieħed.

Li ma jissemmiex fid-dokument tal-gvern hu li mertu għal ATP f'dawn l-aħħar sentejn il-patronaġġ żdied b'madwar żewġ miljun passiġġier. Barra minn hekk l-Assoċjazzjoni ntroduċiet sistema ta' kummissjoni għax-xufiera li jaħdmu fuq ir-rotot ħalli dejjem jirsistu aktar.

Jidher li qed jintnesa l-fatt li fil-ftehim ta' l-1995, l-ATP kellha d-dritt li torganizza 'express service' minn lokalità għall-oħra iżda kull meta l-ATP ipproponiet rotot għal dan l-express service l-ADT qatt ma tat l-approvazzjoni tagħha b'mod speċjali fejn jidħol il-ġarr ta' studenti barranin. Aħna nifhmu li dan kien qiegħed isir biex jipproteġu l-interessi ta' l-operaturi l-oħra f'dan is-settur.

Mid-dokument tal-Gvern

7. L-operazzjoni tat-trasport pubbliku tirrifjuta li tagħti informazzjoni lill-konsumaturi. Fuq ir-rotot hemm kemm trid eċċezzjonijiet fil-frekwenzi, rotot sekondarji u qbiż ta' servizz li qatt m'hu komunikat kif għandu jkun lill-utenti. L-attitudni s'issa kienet li xogħol l-operatur (l-ATP) hu li jkun hemm il-karozza tal-linja. Li jkun hemm xelter suriet in-nies, bl-informazzjoni fuqu kienet problema tar-regolatur (l-ADT). Evidentement is-sistema m'hix taħdem. L-ADT ma tkunx taf x'iddeċidiet l-ATP u l-ATP m'hi obbligata tgħid 'il ħadd xi tkun iddeċidiet.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

F' dawn l-aħħar snin l-ATP investiet f'website li fiha l-informazzjoni kollha dwar is-servizzi li jeżistu. Barra minn hekk nippublikaw ukoll ktejjeb ta' informazzjoni fuq ir-rotot li jitqassam b'xejn lill-passiġġiera u dan jinsab kemm fuq il-karozzi tal-linja, mill-vened, lukandi kif ukoll mill-ajruport. L-ATP dejjem tinforma lill-ADT b'kull deċiżjoni li tieħu f'dak li jirrigwardja rotot.

Rigward il-bus shelters l-ATP ma għandha l-ebda kontroll fuqhom u hija l-ADT mmexxijja mill-Gvern li tista' tippublika l-informazzjoni fuqhom. Hawn tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni li minnflok dawn il-bus shelters intużaw biex

jinfurmaw il-pubbliku sar biss reklamar kummerċjali anke jekk dawn huma kontradittorji għall-iskop li għalih twaqqfet l-ADT u l-ikkummissjunar ta' dan ir-rapport. Kif juri r-ritratt ta' taħt il-Bus Shelters intużaw biex jirreklamaw l-użu tal-karozzi privati.

Mid-dokument tal-Gvern

8. L-ATP għandha ma' l-400 membru li kull wieħed minnhom hu sid ta' sehem mis-sistema tat-trasport pubbliku. Dan ifisser li l-ATP m'hix business partner tajjeb għall-Gvern. L-ATP qatt ma ddeċidiet bejn l-irwol ta' kuntrattur b'servizz importanti lill-Gvern u lill-pubbliku jew ir-rwol ta' union li xogħolha hu li tinnegozja l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tagħha. Ebda business partner li jkollu nuqqas ta' qbil mal-klijent tiegħu ma joħroġ fuq strajk biex jiddiskuti dak in-nuqqas ta' qbil. Iżda din id-diffikultà timmanifesta ruħha wkoll fi żmien il-paċi, m'hux biss fi żmien it-tilwim. Din hi problema fil-qalba tar-riġidità tas-sistema li dejjem ċaħdet il-bidla u ma ħallithiex issir.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Meta kulħadd jitkellem fuq privatizzazzjoni x'inhi r-raġuni li tbeżża' (il-post tax-xogħol, koperattivi) u parteċipazzjoni tal-Ħaddiema fuq l-Assoċjazzjoni bħal ma hija l-Assoċjazzjoni ta' Transport Pubbliku tħaddem fiha 400 membru. Din l-Assoċjazzjoni teleġġi kumitat ta' seba' min-nies u jkun hu li jamministra kull meta jkun hemm diskussjonijiet hija delegazzjoni mmexxija mill-President li tmur tinnegozja.

L-Assoċjazzjoni hija forma ta' koperattiva u sa fejn hu magħruf iż-żewġ Partiti l-kbar tal-Politika Maltija jinkoraġġixxu l-koperattivi u saħansitra mexxew 'l quddiem leġislazzjoni apposta biex tinkoraġġixxi dan.

Allura jfisser li issa l-Gvern tal-ġurnata ser jiddiskrimina magħna sidien u fl-istess ħin xufiera ħaddiema tat-trasport pubbliku.

Il-membri fi ħdan l-Assoċjazzjoni ma jgawdux mill-fiduċja li l-Gvern ssostna bil-kbir qabel l-elezzjoni li għaddiet li "Aħna għandna fiduċja kbira fil-Maltin u li "Flimkien kollox possibbli". Meta l-gvern kien qiegħed imexxi n-negozjati ma' l-Unjoni Ewropea u l-Assoċjazzjoni kienet attiva fil-MEUSEC, għax il-Gvern qies l-Assoċjazzjoni bħala sieħba? Dak inhar l-Assoċjazzjoni kummissjonat rapport minn nies esperti bit-titlu Busing Around ħalli tgħin lill-ADT u l-esperti tal-Gvern waqt it-Trattati.

Ir-rwol ta' l-ATP fil-preżent hu dak li tmexxi 'l quddiem l-interessi tal-membri tagħha, meta kollox jinsab taħt il-kontroll tal-gvern irrappreżentat mill-ADT li tikkontrolla kollox. Biżżejjed wieħed issemmi li l-Assoċjazzjoni kellha tħabbat wiċċha tul dawn id-19-il sena ma mhux inqas minn 12-il bord u Chairman *ġdid. Agħar minn hekk dawn in-nies, appuntati skond l-eżiġenzi politiċi u mingħajr ebda esperjenza fil-qasam tat-trasport bl-uniku għan komuni tagħhom ikun il-lealta lejn il-ministru tal-ġurnata.*

- *Allura x'hemm ħażin li l-Assoċjazzjoni tkun leali lejn il-membri tagħha?*

- *Għalhekk jingħad fid-dokument tal-gvern li l-ATP m'hix sieħeb strateġiku tajjeb għalih?*

L-ATP hija Assoċjazzjoni ħajja iffurmata minn nies tal-familja li jaqilgħu l-għixien tagħhom minn investiment li huma stess għamlu b'tant sagrifiċċju personali. Iżda konxja mir-realta' ta' llum u l-isfidi li dħul ta' Malta bħala membru fl-Unjoni Ewropeja hija disposta li tibdel fejn meħtieġ dejjem fil-qafas tal-ftehim li laħqet mal-gvern fi Frar 2008.

L-ATP f'isem il-Federazzjoni Trasport Pubbliku tixtieq ticcara li hija rrikorriet għall-azzjonijiet industrijali minħabba li l-Ministru injora l-ittra tal-istess Federazzjoni fejn fiha talbet biex tiddiskuti l-proposta għal-liberalizzazzjoni fit-trasport pubbliku mal-għaqdiet kollha li joperaw f'dan is-settur. Il-Ministru għadu sa llum ma ltaqax mal-Federazzjoni.

Sa fejn hu magħruf l-istrik huwa dritt tal-ħaddiema u jsir minn kull ħaddiem li jidhirlu li l-interessi tiegħu qegħdin ikunu mirfusa. Dan jiġri kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn Malta. Allura l-awtoritajiet jippretendu li jiddeċiedu l-futur tal-familji tagħna, hekk kif jaqbel lilhom u mingħajr konsultazzjoni?

<u>Mid-dokument tal-Gvern</u>

9. L-ADT allura la għandha kontroll veru ta' dak li tagħmel l-ATP fuq it-triq u kieku stess kellha żżomm distanza ta' regolatur biex tirrelata mal-ATP daqs li kieku kienet fornitur privat, issib li l-ATP tkellimha kif union tkellem management. L-infurzar allura jsir bil-biċċa u fl-istampa kollha jispiċċa ma jaħdem qatt.

Dan il-falliment fis-servizz li qed nagħtu lill-pubbliku qed jiswielna qares bħala pajjiż. Waqt li bħal pajjiżi oħra parti sew mit-trasport pubbliku hu servizz soċjali li rridu nħallsu għalih mit-taxxi, il-verità hi li m'aħniex nieħdu valur għal flusna. Qed nagħtu servizz insuffiċjenti lill-pubbliku, qed naraw dejjem aktar nies jużaw il-karozzi privati tagħhom anke għal vjaġġi li jistgħu faċilment isiru bit-trasport pubbliku. Dan qed iwassalna għal livelli ta' konġestjoni intollerabbli li qed inaqqru l-ħin produttiv mill-ekonomija tagħna u qed jagħmlu ħsara lis-saħħa ta' wliedna, l-aktar dawk li jbatu minn mard respiratorju.

Dan qed jingħad m'hux biex insibu t-tort iżda biss biex nikkonstataw il-fatti veri kif inhuma llum u b'hekk nindikaw it-triq li rridu naqbdu.

<u>Ir-reazzjoni ta' l-ATP</u>

Hija nġusta li wieħed jitkellem fuq falliment ta' istituzzjoni bħall-ADT u jwaddabha fuq ATP. L-ADT swiet lill-poplu Malti miljuni ta' liri u l-ineffiċjenza u l-falliment tagħha hekk kif dikjarat mid-dokument tal-Gvern mħejji mill-Onor. Dr. Austin Gatt huma bosta. Fost l-akbar huwa l-fatt li l-ADT għandha r-rekord li kellha Chairman, kważi kull sena u nofs, li ilha teżisti.

Kien dan il-falliment fi ħdan l-ADT li żamm lura t-tibdil meħtieġ ħalli t-trasport pubbliku jaġġorna għall-eżiġenzi tal-pajjiż. ADT żammet r-rwol riġida ta' regulatur bi tmexxija fuq bażi ta' jum b'jum. Hawn tajjeb wieħed isemmi kemm aġixxiet b'responsabilità u kredibilità, l-ATP meta fid-29 ta' Awwissu 2008 irċeviet pagament żejjed ta' kważi kwart ta' miljun ewro. L-assoċjazzjoni ħadet passi mill-ewwel u bagħtet il-flus lura lill-ADT. B'dan infurmat ukoll lill-Hon Dr. Austin Gatt. Fil-paġna li jmiss jidher id-dokument li fih għaddiet il-korrispondenza fuq din il-materja.

Il-proposta li n-nies jaqilbu minn fuq il-karozza privata għat-trasport pubbliku hija ħaġa tajba u dan missu ilu li sar għax li kieku l-ħsara ambjentali kienet tkun ikkontrollata ferm qabel. Hawn ta' min jinnota li dan il-Gvern ilu jamministra dan il-pajjiż għal aktar minn 20 sena u l-istess Ministru kien jifforma parti minnu mill-bidu nett. Allura wieħed jasal għall-konklużjoni li din il-ħerqa hija mhux biex jitjieb l-ambjent iżda għax issa ġew imponuti fuqna 'standards' kemm fuq l-ambjent kif ukoll bħala l-livell ta' servizz. Dan irridu nilħquh sas-sena 2010.

ATP Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku
Public Transport Association
Hire of Coaches & Vintage Buses

Subsidiary Company:
Malta Bus Advertising Ltd.
Tel: 2125 2339 – Fax: 2124 5715
www.maltabus.com

41, Dun Ġorġ Preca Street, B'Bajda HMR 1600
Tel: 2125 0007/8/9 – Fax: 2124 5715
Website: www.atp.com.mt
E-mail: atp@atp.com.mt

Is- Sur Simon Vella,
Chairman,
ADT,
Sa Maison Road,
Floriana

29 t' Awissu 2008

Sur Vella,

Qieghed nibghatlek *cheque* (BOV 236780) li jammonta ghal Eur 211,270.97 ekwivalenti ghal Lm 90,698 fi hlas zejjed li l- ADT approvat fil- kont ta' l- ATP, dovut ghax- xahar t' Awissu 2008 liema ammont kien jammonta ghall- Eur 232,937.33 u li minnu zammejna l- ammonti ta' Eur 21,666.36 li jikkonsistu fil- flus arrettrati dovuti lilna:

Eur 20,964.36 f' numri u *destination boards* ghal wara tax- xarabanks

Eur 698 f' *late payment fees* fir- rigward tal- licenzji li wehlu s- sidien meta dawn kienu koperti b' estenzjoni fuq l- *insurance*.

Eur 4 f' *bank charges*.

Jekk din hija l- vizjoni l- gdida ta' kif ser jitmexxa t- trasport pubbliku f' Malta ; dan zgur ser ikun il- 'falliment'veru u propju u mhux kif gie espress minnkom bhala 'falliment fis- sistema ta' llum' fid- dokument ghall- vizjoni gdida fit- trasport pubbliku.

Annessi qieghed nibghatlek id- dokumenti relatati.

Dejjem tieghek,

....

Victor Spiteri,
President.

Cc: L- Onor. Austin Gatt

Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku b'wiċċha bil-quddiem issostni l-onesta' u l-kredibilità li biha taħdem għax anke' meta rċeviet pagamenti żejda ta' madwar kwart ta' miljun Ewro (€ 211,270.97) infurmat immedjatament lill-Awtorita' ta' Trasport Pubbliku (ADT) kif ukoll lill-Onor. Ministru Austin Gatt, filwaqt li bla dewmien ta' xejn, irrifondiet l-ammont lura lill-Gvern.

Allura wieħed jista' jifhem l-għala dan it-titjib qatt ma sar qabel. Dawn huma miżuri li ma kinux ikunu popolari għall-Gvern. L-introduzzjoni ta' 'parking meters' fit-toroq jew 'Bus Lanes' u 'Corridors' jew restrizzjoni f'ċertu żoni, fejn ma tkunx tista' tmur bil-karozza privata, ma kinux ser ikunu milqugħa tajjeb mill-poplu.

Tajjeb li ngħidu ukoll li b'dawn l-implimentazzjonijiet biss, it-trasport pubbliku jkun jista' jaħdem fuq skala ta' effiċjenza u puntwalità bħal ta' pajjiżi oħra. Dawn il-miżuri huma meħudin fil-pajjiżi Ewropej kollha biex jitnaqqas l-użu tal-karozzi privati.

FEJN IRRIDU MMORRU

Mid-dokument tal-Gvern

Fuq struzzjonijiet ta' dan il-Ministeru, f'dawn l-aħħar xhur l-ADT aġġornat il-viżjoni tal-forma li għandu jieħu t-trasport pubbliku fil-futur ta' pajjiżna. Dan m'hux xi eżerċizzju li jista' jsir mil-lum għal għada u għalhekk kien possibbli biss għax amministrazzjonijiet oħra u Ministri preċedenti għamlu diġà ħafna minn dan ix-xogħol – fil-fatt hemm ħafna xogħol lest f'dan il-qasam. Iżda ovvju li biex mill-viżjoni ngħaddu għall-prattika, jenħtieġu ħsieb u riċerka u qabel jiġi implimentat il-pjan li nlesti, tkun meħtieġa konsultazzjoni estensiva. M'hux l-anqas konsultazzjoni mal-pubbliku. Hu bi pjaċir tara l-interess qawwi mill-pubbliku għal dan il-proġett. Irridu nużaw dak l-interess biex qabel niddeċiedu ma nagħtux każ biss l-ideat tat-tekniċi u ta' l-operaturi iżda l-ideat ta' dawk li jużaw it-trasport pubbliku jew li potenzjalment jistgħu jużawh.

Waqt li hu ovvju li rridu mmorru għall-istadju tad-dettall tar-riforma hu daqstant importanti li l-prinċipji li fuqhom irridu nibbażaw ir-riforma jkunu ċari ħafna minn issa stess għax jekk le, id-dettalji li rridu nibnu se jwasslu f'toroq li ma rridux naqbdu. Il-linji prinċipali li fuqhom tistrieħ ir-riforma li rridu nimplimentaw huma:

1. L-għan aħħari tar-riforma trid tkun modal shift mill-użu tal-karozza privata għall-użu tat-trasport pubbliku. L-ippjanar tat-trasport irid jilħaq l-oġġettiv primarju li jnaqqas il-vjaġġi bil-karozzi privati u jżidhom fi trasport fi gruppi. Irridu naqilbu t-tendenza li mit-trasport fi grupp kulħadd imur għall-karozza tiegħu. Jekk dan ma nagħmluhx se nipparalizzaw il-pajjiż u se nifggħu fl-arja li qed inniġġsu aħna stess. Trasport fi gruppi jista' jieħu għamliet differenti: bi skeda jew le; bil-karozza tal-linja u b'mezzi oħra ta' trasport bi skeda.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

L-awtoritajiet inkonsiderazzjoni li l-popolazzjoni hija dik li hi jiġifieri anqas min-nofs miljun ruħ. L-ivjaġġar fit-toroq tagħna huwa ta' distanzi qsar, allura huwa ovvju li l-karozza privata tibqa' dejjem aktar popolari.

B'sistemi bħal parking meters fit-toroq, sistemi oħrajn tac-CCTV Cameras, bħal ma sar ġewwa l-Belt u sistemi li jagħtu prijorità lit-trasport pubbliku f'diversi lokalitajiet (Bus Lanes/Bus Corridors) għandhom iservu ta' għajnuna biex jitjieb is-servizz.

Dawn il-miżuri huma meħudin fil-pajjiżi Ewropej kollha u jekk jiġu ntroddotti f'pajjiżna żgur li jitnaqqas l-użu tal-karrozzi privati bil-konsegwenza li jiżdied l-użu mit-trasport pubbliku.

Mid-dokument tal-Gvern

2. It-"trasport pubbliku" għandu jibda jikkomprendi l-mezzi kollha ta' trasport possibbli. Irridu naraw lit-taksis – tradizzjonali u dawk li jaħdmu bl-elettriku-, lil-lanċ u lid-dgħajjes jintużaw ħafna aktar bħala mezz regolari tat-trasport u jintegraw ħafna aktar ma' xulxin fl-iskedar tagħhom. Irridu nevalwaw l-introduzzjoni tat-trammijiet fuq rotot speċifiċi li jġorru fejn hemm l-aktar volumi ta' nies li jeħtieġu traġitt rapidu u nimmiraw l-introduzzjoni tagħhom fit-tieni parti tar-riforma tat-trasport pubbliku. Irridu nużaw ir-riżorsi kollha possibbli biex inwasslu lill-persuni minn punt għall-ieħor bl-akbar effiċjenza. Il-verità hi li pajjiżna għandu tradizzjoni qadima ta' trasport pubbliku b'mezzi differenti li ntesew u ġew abbandunati. Il-lift tal-barrakka ta' fuq, it-tramm mill-Belt Valletta, it-tren sa l-Imdina, il-lanċ u l-balklori kienu mezzi ta' trasport użati ħafna sakemm inqatgħu. Hu ironiku li bid-dipendenza li ħloqna fuq il-karozza privata maż-żmien għal setturi sħaħ ta' l-ekonomija, naqset flok żdiedet il-mobilità. Apparti li għandna obbligu soċjali lejn min għax anzjan wisq, għax żagħżugħ wisq, għax għandu problemi ta' mobilità jew għax hu fqir wisq ma jistax juża karozza. Għandna wkoll ir-realtà prattika li sakemm kull persuna oħra li jista' jkollha karozza, tużha għal kull vjaġġ li tagħmel, inqarrbu 'l pajjiżna lejn konġestjoni paralizzanti. Iżda m'hux kull vjaġġ hu l-istess u allura m'hux kull mezz ta' trasport jista' jkun l-istess. Għal xi vjaġġi meħtieġa karozza privata. Għal oħrajn taksi, lanċa, jew it-tramm ikunu alternattivi validi u vijabbli.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Wieħed faċli jintilef issemmi diversi mezzi ta' trasport li jeżistu fid-dinja iżda tajjeb li nżommu f'moħħna li qed ngħixu f'Malta b'popolazzjoni li hija ftit anqas min-nofs miljun ruħ. Huwa stmat li mezzi ta' trasport simili f'pajjiżi Ewropej iġġorru madwar nofs miljun passiġier kuljum. Dan mhux possibli f'pajjiżna meta l-popolazzjoni hija dik li hi.

Għaldaqstant wieħed irid jaddatta l-mudell li jgħodd għal pajjiżna, għax huwa fi żgur li d-diversi mezzi tat-trasport pubbliku, bil-kompetizzjoni kollha li qed tissemma, ma jkunux vijabbli. Imbagħad jista jirriżulta falliment tas-sistema kollha.

Mid-dokument tal-Gvern

3. Għandu jkollna flotta ġdida ta' karozzi tal-linji ta' daqsijiet differenti b'emissjonijiet imnaqqsa sostanzjalment u għal-livelli li qed naspiraw għalihom post-Kyoto u li jinbidlu minn żmien għal żmien mingħajr il-bżonn t'infieq kapitali mill-Gvern. Dan ifisser li jkollna karozzi kbar għat-toroq prinċipali, iżda karozzi ħafna iżgħar (anki vannijiet) biex iduru l-irħula żgħar tagħna. Ifisser ukoll illi mmorru għal karozzi li huma Euro certified (possibilment Euro 5 jew Euro 6) u nesploraw il-kiri (leasing) flok ix-xiri biex niżguraw li l-karozzi jinbidlu qabel jiqdiemu wisq;

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

L-ATP dejjem kienet favur l-immodernizar tal-flotta tagħha. Kien il-Gvern li ma kompliex ma' dak il-ftehim ta' l-1995 biex jinbidlu x-xarabanks il-qodma ma' dawk ġodda tul dawn is-snin kollha. Anke li dawn ix-xarabanks ikunu ta' daqsijiet differenti sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tal-pubbliku, l-ATP tabel perfettament.

Fir-rigward tal-emission standards dawn bilfors iridu jkunu Euro 5 jew inkella b'sistemi differenti ta' fuel bħal ma hu l-gass sabiex nilħqu l-istandards rikjesti mill-Unjoni Ewropea.

Għalkemm s'issa għadu ma sarx studju fuq il-proposta tal-'leasing', wieħed għadu ma jistax jgħid hijiex vijabbli. Wieħed jista' jgħid biss li x-xarabanks jiswew 'il fuq min €163,000 u jridu jsiru pagamenti fuq medda ta' 5 snin jew 10 snin.

Mid-dokument tal-Gvern

4. Għandu jkollna distinzjoni ċarissima bejn trasport bi skeda u '*un-scheduled*' u l-karozzi li jaħdmu fuq il-linja ma jibqgħux jintużaw biex jaħdmu xogħol privat. Din hi konsegwenza naturali tal-fatt li rridu mmorru għal flotta ġdida, flotta li tkun daqs il-bżonn li pajjiżna għadu kuljum għal karozzi tal-linja u konsegwentement tinqata' d-drawwa li nofs il-karozzi biss jaħdmu kuljum.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Għal darb'oħra il-Ministru mhux korrett meta jgħid li jintużaw biss nofs il-karozzi tal-linja kuljum. Fuq ir-rotta bħalissa ta' kuljum matul il-ġurnata jintużaw 311-il xarabank. Waqt li bil-lejl ikun hemm 11 oħra joperaw fis-servizz minn Paceville għal diversi bliet u rħula sat-3.00am.

Fix-xitwa n-numru jonqos bi ftit iżda ikun hemm madwar 80 xarabank joperaw fuq il-ġarr tat-tfal ta' l-iskejjel ta' l-istat u xogħol privat ieħor. Ikollok ukoll madwar 50 xarabank oħra li fuqhom tkun qed issir manutenzjoni. Kull operatur fit-trasport pubbliku bil-fors li jkollu xarabanks żejda sabiex jissostitwixxi dawk li jiefqu minn fuq ir-rotta. Għaldaqstant, wieħed jista' jikkonkludi li biex taqdi l-ħtiġijiet tar-rotot kollha f'pajjiżna, minn ta' l-anqas irid ikollok flotta ta' madwar 450 xarabank. Iktar u iktar jekk tiġi fis-seħħ il-proposta li x-xarabank jinsaq minn 3 xufiera differenti kuljum.

Mid-dokument tal-Gvern

5. It-trasport pubbliku jrid ikun sotnut b'sistemi integrati ta' trasport li jmexxu t-trasport prinċipali 'l barra mill qalba ta' l-irħula u jorbtu l-qalba tar-raħal mat-terminus. Irid ikollna fejn jaqbel taħlita bejn trasport pubbliku u privat b'kunċetti bħall-park and ride fil-Floriana li hi loġika li għandha fejn tiġi estiża ħafna aktar.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

F'pajjiżi oħra ta' l-Ewropa hemm skemi simili ta' *park & ride*, ***bħal dik li qed topera bħalissa f'Malta. Madankollu dawn ikunu integrati fis-sistema tat-trasport pubbliku u għal dan is-servizz ikun hemm noll irħis. B'dan id-dħul ta' flus jiġu ffrankati s-sussidji li l-poplu qed iħallas għal distanza ta' 5 minuti bogħod mill-venda ta' Putirjal.***

Mid-dokument tal-Gvern

6. Għandu jkollna servizzi mgħaġġla li jgħaqqdu ma' xulxin il-punti l-aktar importanti ta' pajjiżna – per eżempju l-ajruport, l-isptar Mater Dei, il-'ferries' tas-Sliema. Dawn ikunu servizzi li jingħataw priorità fuq it-triq b'karreġġjati dedikati u traffic lights li jtuhom vantaġġ.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Ċerti servizzi msemmija f'dan il-punt diġa jeżistu. Per ezempju rigward l-Isptar Mater Dei l-ATP għandha rotot minn diversi bliet u rħula għaddejin ta' kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd. Mhux l-istess jista' jingħad għall-ajruport għax l-ATP talbet lill-ADT biex tagħmel servizz dirett minn Tas-Sliema u Bugibba iżda sal-lum din l-approvazzjoni qatt ma waslet.

Anke rigward il-prioritajiet li jerġgħu jissemmew, s'issa għadu ma sar xejn. F'pajjiżi sħab magħna fl-Unjoni Ewropea dawn il-miżuri daħlu fis-seħħ, snin ilu.

Mid-dokument tal-Gvern

7. Għandu jkollna servizzi spissi li jgħaqqdu ma' xulxin l-irħula ġirien f'reġjuni li għandhom ħafna traffiku intern li iżda llum m'hux servut b'mod realistiku mit-trasport pubbliku.

8. Għandu jkollna servizzi għal destinazzjonijiet perifiriċi u servizz bil-lejl minkejja li jistgħu ma jkunux vijabbli mingħajr sussidji.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

L-ATP qatt ma kienet kontra l-introduzzjoni ta' kwalunkwe servizz bħal dawk imsemmija fuq. Iżda kull meta ġie propost dan it-tip ta' tibdil dejjem instabet reżistenza, kemm minn xi Kunsilli Lokali, kif ukoll minn xi Ministru li jkun joqgħod f'dak id-distrett.

Kif diġa ssemma' aktar 'l quddiem l-ATP diġa' qed topera tard bil-lejl. Hija faċli għall-ATP li testendi r-rotot u l-ħin però bħal dejjem dan kollu jrid l-approvazzjoni tal-ADT.

Mid-dokument tal-Gvern

9. Fil-kuntest tal-vijabbilità kummerċjali li trid tkun il-bażi tas-sistema l-ġdida tat-trasport, għandu jkollna nollijiet imraħħsa għal setturi tal-komunità bħall-anzjani, studenti, persuni b'diżabilità u oħrajn li d-dipendenza tagħhom fuq it-trasport pubbliku m'għandhiex tkun żvantaġġ soċjali għalihom.

10. Għandu jkollna diżinċentivi mibnija fl-ippjanar tat-traffiku biex kull fejn hu possibbli jiġi evitat l-użu tal-karozza. Is-CVA il-Belt kellha dan l-effett u hi lezzjoni importanti għal dak li nixtiequ nagħmlu fil-futur. Għall-kuntrarju, il-karreġġjati dedikati għat-trasport pubbliku huma eżempju importanti ta' miżura pożittiva li tinkoraġixxi l-użu tas-servizz ta' trasport pubbliku.

11. Għandu jkollna strutturi ta' biljetti u skemi ta' vjaġġar frekwenti li jħajjar aktar passiġġieri jużaw it-trasport aktar spiss. Is-sistema trid tkun ibbażata fuq ix-xiri minn qabel tal-biljetti relattivi permezz ta' makni jew mill-ħwienet, il-validazzjoni awtomatika fuq il-karozza u l-eliminazzjoni totali ta' l-involviment tas-sewwieq.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

L-Assoċjazzjoni hija kburija li n-nollijiet f'Malta huma l-orħos fl-Ewropa, kif intwera qabel. Dan hu wkoll meritu tal-Gvern ta' Malta li għaraf jissussidja dan is-servizz.

Bħal issa jeżisti ukoll roħs fin-nollijiet għall-anzjani u studenti. Jonqos ukoll li ninkludu l-persuni b'diżabilità.

L-istess għall-biljetti li jkopru ġurnata u ġimgħa. Huwa tajjeb li jiżdiedu l-postijiet ma' dawk eżistenti, minn fejn jistgħu jinxtraw. Anke jekk hemm bżonn jinxtraw minn fuq is-sit elettroniku.

L-ATP taqbel.

L-ATP taqbel li x-xiri ta' biljetti għandu jiġi ntrodott f'aktar lokalitajiet u mhux biss minn fuq ix-xarabanks kif diġà jezisti u fil-lokalitajiet ta' Tas-Sliema, Buġibba u l-Belt. Madankollu huwa mpossibbli li telimina għal kollox l-involviment tas-sewwieq. Dan ikun jeħtieġlu jagħti biljett hu kull meta tieqaf il-magna tal-biljetti li tkun installata fuq ix-xarabanks, kif ukoll meta passiġġier ma jkunx xtara bil-quddiem biljett għax ħtieġlu juża t-trasport pubbliku dik il-ġurnata partikulari u jkun irid iħallas dak il-hin.

Mid-dokument tal-Gvern

12. Għandu jkollna struttura ta' management professjonali li probabbilment għall-ewwel tkun importata minn barra minn Malta sakemm nibnu bin-nies tagħna l-kapaċità li s'issa għad m'għandniex li mmexxu b'mod modern operat ta' trasport pubbliku integrat.

13. Ix-xufiera fuq il-karozza tal-linja jkunu impjegati u għandhom jaħdmu siegħat ta' xogħol skond id-direttivi Ewropej u meta xufier ma jkunx qed jaħdem il-karozza li kien fiha tinsaq minn xufier ieħor. Ovvjament, irridu niżguraw li x-xufiera tagħna jkunu m'hux biss sewwieqa eċċellenti iżda anki ambaxxaturi ta' pajjiżna u għandna nimmudellaw fuq dawk l-uħud li diġà jservu ta' dan illum.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

L-Assoċjazzjoni għandha l-istatut tagħha li jistipula li hija titmexxa minn kumitat ta' seba' sidien. Però hija tingaġġa magħha wkoll, numru ta' professjonisti u konlsulenti biex jgħinunha fit-tmexxija u l-amministrazzjoni.

Għaldaqstant il-Gvern jagħmel sew li jsib management aktar professjonali għall-ADT għax min-naħa tagħha l-ATP għandha nies esperti u kapaċi biżżejjed biex jagħmlu 'network' addattat u vijabbli għar-rotot ta' pajjiżna.

Fl-opinjoni tal-ATP id-distinzjoni li x-xufiera fuq il-karrozzi tal-linja jkunu mpjegati u mhux sidien, kif wieħed jista' jifhem minn rapport tal-gvern, ma għandha l-ebda sinifikat għal servizz aħjar. Anzi meta x-xufier ikun is-sid ikun iktar effiċjenti.

Bħalissa bis-sistema preżenti biex jaħdem is-Servizz Pubbliku jeħtieġ madwar 300 xufier kuljum fuq is-sistema ta' 'shifts', filwaqt li bil-proposta tal-gvern ser ikun meħtieġ 900 xufier kuljum li tfisser żieda sostanzjali fl-ispejjeż ta' kull rotta.

Mid-dokument tal-Gvern

14. It-teknoloġija ta' l-informazzjoni tintuża fil-livelli kollha tas-sistema ta' trasport biex niżguraw li nibnu sistema ta' rapporti ta' użu tas-sistemi ta' trasport li jgħinuna intejjbu l-prodott, biex nivverifikaw dak li jkun qed isir fit-toroq tagħna, biex nintegraw aħjar is-sistemi differenti u biex nagħtu aktar informazzjoni u faċilitajiet lill-pubbliku.

Għandna nużaw l-innovazzjonijiet teknoloġiċi kollha li daħlu fi bliet oħra f'dan

is-settur biex inżommu l-wegħda li nagħtu lill-pubbliku li jużа t-trasport pubbliku li niġbruh fil-ħin u neħduh fejn irid imur fil-ħin.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Kien l-istess Gvern li llum qed jipproponi u jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' sistemi moderni u teknoloġiċi li żamm dan il-proċess li kellu jinbeda fl-2004. Dak inhar l-ATP laħqet ftehim mall-ADT sabiex tiġi ntrodotta sistema simili però dan baqa' ma seħħx sal-lum. Is-sistema miftiehma kellha sservi biex tagħti nformazzjoni immedjata u instantanja fuq l-operat tat-transport pubbliku kollu. Din kellha tkun aċċessibbli kemm għall-passiġier, għall-operatur, ATP kif ukoll, għar-regulatur l-ADT. Matul dawn l-erba' snin kieku kien ikollna nformazzjoni biżżejjed biex ninfurmaw u ntejbu l-operat tat-trasport pubbliku u konna nevitaw l-għaġġla u pressjoni li jinsab fiha l-Gvern illum.

Mid-dokument tal-Gvern

15. Ir-relazzjoni bejn l-ADT (li tkun il-contracting authority) u min jagħti s-servizz trid tkun regolata minn "service level agreement" (eżempju ċar ta' dan hu l-kuntratt bejn l-MMA u l-Gozo Channel) fejn ikollna relazzjoni kuntrattwali serja u qawwija bejn il-Gvern u min jopera s-servizz li tagħmel mill-operatur business partner validu u li tista' taħdem miegħu. Il-kuntratt ikun jirregola dak mistenni mill-ADT u dak mistenni mill-kuntrattur. B'livelli ta' servizz pre-determinati u penali maqbula f'każ ta' nuqqasijiet. Il-bażi ta' dan trid tkun li waqt li l-kuntrattur jistenna li jagħmel profitt mill-operazzjoni, il-kuntrattur irid jaħdem fil-parametri miftehma minn qabel u, m'hux se jkollu dħul garantit u jirriskja li jagħmel telf jekk m'hux kapaċi jilħaq l-aspettattivi ta' min irid jużа s-servizz.

Fuq dawn il-prinċipji l-ADT qed tibni netwerk ġdid ta' trasport pubbliku u mistennija tkun f'pożizzjoni li tgħaddihom lill-ATP tikkontribwixxi għalihom minn snin twal t'esperjenza fuq il-lant. Iżda flimkien ma' dan ix-xogħol qed isiru wkoll żewġ biċċiet xogħol oħra li huma daqstant importanti – qed isir studju (flimkien ma' stimi preliminari ħafna) ta' x'tip ta' karozzi tal-linja se jkollna bżonn kif ukoll studju finanzjarju (li bil-fors irid ikun stima) ta' l-infieq rikurrenti li wieħed għandu jistenna għal sistema ta' trasport modern u effiċjenti. Dawn l-istudji wkoll jintbagħtu lill-Assoċjazzjoni u jiġu ppublikati biex b'hekk sa l-aħħar ta' din is-sena kulħadd ikollu opportunità biex jesprimi ruħu dwar il-pjan tal-Gvern, opinjoni li allura tkun imsejsa fuq pjani, studji u viżjoni fattwali.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Wieħed jaqbel li l-ADT għandha jkollha rwol ta' kontrollur tas-sistemi tat-trasport tal-pajjiż kif isir f'pajjiżi Ewropej u mhux kif qed jiġri hawn Malta li taġixxi kemm bħala kontrollur u fl-istess ħin operatur.

F'dan l-ispirtu fl-interess ta' vijabilità u kumerċ ħieles, jekk l-operatur jeħtieġlu li jiftaħ servizzi ġodda, dan għandu jkollu l-permessi meħtieġa mill-ADT ħalli jaqdi l-klijenti tiegħu. Irrespettivament jekk il-klijent ikun malti jew barrani.

Eżempju ta' dan hija d-diskriminazzjoni ma' l-istudenti li jiġu jistudjaw fostna. Sal-lum lil dawn qed inċaħduhom milli jagħmlu użu dirett minn ċertu rotot ta' trasport pubbliku. Prova ta' dan huwa n-numru ta' ċitazzjonijiet li ADT ħarġet fil-konfront tas-sewwieq tal-karrozzi tal-linja.

Tgħid ġara l-istess bejn MMA u l-Gozo Channel?

L-ATP lesta taffronta kull bidla u proposta disposta li twettaq it-tibdiel meħtieġ dejjem fl-aħjar interess tal-partijiet kollha: Il-Pubbliku il-Gvern u l-imsieħba tagħha li huma s-sidien tax-xarabanks u l-familji tagħhom.

Mid-dokument tal-Gvern

MIN SE JMEXXI S-SISTEMA

L-għanijiet tar-riforma li ssemmew qabel iridu jintlaħqu indipendentement minn min se jimmaniġġja s-sistema l-ġdida – hux il-Gvern, hux l-ATP, hux xi kumpanija oħra – ma jagħmilx differenza għar-riżultati li rridu niksbu.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Il-Gvern jaf li l-ATP, snin qabel is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, kienet tattendi l-laqgħat kollha tal-MEUSEC u anke għamlet diversi 'position papers' sabiex tgħin lill-Gvern waqt in-negozjati fejn jidħol trasport pubbliku. Dan bl-iskop li l-UE tagħti każ iċ-ċirkostanzi speċjali ta' Malta, pajjiż b'popolazzjoni żgħira għax din tirrifletti is-suq limitat u b'hekk stajna faċilment niġu aċċettati bħala reġjun u mhux bħala pajjiż fejn jidħol il-qasam tat-trasport pubbliku.

Fil-fatt qabel l-iffirmar ta' trattat tas-sħubija l-gvern wiegħed lill-għaqdiet kollha fis-settur tat-trasport li l-UE tat każ taċ-ċirkostanzi speċjali ta' pajjiżna fejn jidħol dan il-qasam. Iżda llum ħareġ biċ-ċar li dawn it-tip ta' negozjati ma sarux u għaldaqstant Malta ser ikollha taddotta mar-regolamenti ta' l-UE bħall-pajjiżi l-kbar.

Dan huwa tradiment tal-Gvern. Fil-fatt, Għawdex għax ġie nnegozjat bħala reġjun, it-trasport pubbliku m'huwiex ser jiffaċċja l-istess problemi li ser niffaċċjaw aħna l-operaturi hawn Malta.

Bis-sistema ta' tenders il-Gvern għandu jifhem l-iżvantaġġi li ser ikollhom l-operaturi lokali li jridu jikkompetu permezz ta' 'public service contract' u dan ma jistax ikun ta' aktar min 10 snin. Barra minn hekk il-kuntratt jorbot lill-operatur b'kundizzjonijiet kuntrattwali ta' 'level service agreement' u f'każ ta' ċertu nuqqasijiet fis-servizz, l-ADT tinforma lill-operatur bil-miktub u tista' twaqqaf il-kuntratt x'ħin jidhrilha hi dwar dawn in-nuqqasijiet u meta l-ADT ifettlilha taqbad u tittermina l-kuntratt anki qabel l-10 snin. Hawnhekk wieħed irid jifhem li malli tiġi rtirata l-'operator licence', l-operatur ma jistax jopera aktar.

Barra minn hekk it-tender se tkun miftuħa għal kulħadd kemm operaturi lokali kif ukoll Ewropej. Dan iwaddab lill-ATP fi żvataġġ, għax jekk titlef it-tender hija ma tkun tista' topera mkien aktar filwaqt li operatur Ewropew, jerġa' jmur jaħdem f'pajjiżu f'wieħed mill-ħafna reġjuni. B'hekk in-negozju tagħhom jista' jibqa' għaddej. Għalhekk il-Gvern irid jifhem li tenders ta' din ix-xorta jiffavorixxu aktar lill-barranin milli lill-Maltin.

<u>Mid-dokument tal-Gvern</u>

LIEMA HUMA T-TOROQ 'L QUDDIEM

1. Tmexxija minn awtorità pubblika – fil-kuntest ta' pajjiżna dan ikun ifisser li l-Gvern prattikament jinnazzjonalizza t-trasport pubbliku billi jixtri l-liċenzji kollha mis-sidien privati, iwaqqaf kumpanija separata li tidħol (permezz ta' direct order) f'service level agreement ma' l-ADT. Skond ir-regolament ta' l-UE, il-Gvern jista' jżomm biss maġġoranza ta' l-ishma f'din il-kumpanija u jipprivatizza l-bqija ta' l-ishma. Jidher li jista' wkoll wara xi żmien ibiegħ il-kumpanija lill-privat basta jkun hemm kompetizzjoni pubblika. F'dan il-każ il-Gvern ikun irid jiddiskuti fid-dettall dwar it-tranżizzjoni bejn operat (u assi) li llum qegħdin f'idejn is-sidien privati biex dawn jgħaddu għand il-Gvern u l-Gvern jikkumpensa b'mod adegwat skond il-ftehim li hemm.

2. Tmexxija minn kumpanija privata – f'dan il-każ ikun irid jinħareġ tender wara pre-avviż fuq livell Ewropew għal liema tender ikun jista' jipparteċipa kulħadd. Din il-proċedura diġà ġiet adottata minn xi pajjiżi oħra u jidher li hemm operaturi barranin li jkunu interessati f'dan ix-xogħol għax hemm operaturi Ewropej li rebħu kuntratti ta' trasport pubbliku f'pajjiżi oħra, inkluż anke fi gżejjer tal-Mediterran. Għalhekk il-proċess ta' tender kompetittiv żgur jiġbed l-interess t'operaturi differenti u m'hux biss ta' l-ATP.

Taħt dan il-format u kemm-il darba l-ATP tkun interessata tikkompetti wieħed jistenna li l-ATP tirriforma ruħha radikalment propju biex tkun tista' tikkompeti. Trid tbiddel il-format legali tagħha minn Assoċjazzjoni għal Kumpanija, trid tmur għal "shareholders" u m'hux aktar "membri", il-kunċett ta' "sid il-karozza" irid jispiċċa, is-"sid" jittrasforma ruħu f'azzjonist li jeleġġi Bord u ma tantx ikollu leħen fl-istruttura ta' kuljum, irid isir programm ta' investiment f'karozzi ġodda u differenti waqt li jitnaqqas in-numru, irid jiġi introdott management professjonali u jridu jinstabu finanzi ġodda għall-investiment possibilment bid-dħul ta' msieħba ġodda li jġibu l-finanzi magħhom.

Fi ftit kliem l-ATP trid tkun kapaċi tagħmel bidla kulturali profonda jekk trid tikkompeti.

3. Tmexxija minn numru ta' SME's – f'każ li kuntratt partikolari jkun jista' jingħata lil SME (definit skond ir-regoli ta' l-istess regolament) allura ma jkunx hemm ħtieġa li jinħareġ tender iżda jista' jingħata kuntratt b'direct order. Kif taf sew l-ATP, fl-amministrazzjoni preċedenti, il-Ministeru esplora ma' l-UE l-possibilità li jinħolqu madwar ħdax-il SME mill-ATP iżda b'koordinazzjoni u pooling finanzjarju ċentrali. Ir-reazzjoni inizjali tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea hi definittivament kuntrarja għal din is-soluzzjoni.

Din is-soluzzjoni tista' tkun vijabbli għal Għawdex – għax propju ġiet żviluppata għal żoni żgħar u periferiċi – iżda jidher li m'hux se tkun vijabbli għal Malta. Ovvjament, hemm ħafna aktar dettalji fir-regolament innifsu li hu mpossibli li wieħed jidħol fihom hawnhekk.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Mid-dokument tal-Gvern jidher ċar li hu lest jabbanduna t-tielet proposta li tikkonsisti fi twaqqif ta' numru ta' SME's. Hawn terġa' toħroġ in-nuqqas ta' konsistenza u kredibilità ta' l-ADT.

Sa qabel l-elezzjoni ta' Frar 2008 kienet qed taħdem id f'id ma' l-ATP rigward din il-proposta. Il-Gvern fir-rapport tiegħu jsemmi 11-il SME's meta fil-fatt inħolqu 22 gruppi żgħar ta' SME's. B'hekk it-'treshholds'*** fil-gruppi huma konformi ma' dak rikjest mill-UE. L-ATP lesta li tbiddel il-'format' tat-tmexxija tagħha biex b'hekk tkun tista' tamministra dawn il-gruppi.***

Hawn tajjeb wieħed isemmi l-ftehim li l-ATP laħqet mal-Prim Ministru l-Onor. Dr. Lawrence Gonzi u il-Ministru ta' dak iż-żmien l-Onor. Jesmond Mugliet. F'dawn il-ftehim il-gvern wiegħed li ser imexxi din l-proposta 'l quddiem biex ikun jista' jagħmel kuntratt ma' l-Assoċjazzjoni għall-perjodu ta' għaxar snin.

F'każ li wara dan il-perjodu ta' għaxar snin jintilef il-kuntratt, il-Gvern kien lest jikkompensa lis-sidien tax-xarabanks.

F'dan il-fuljett issib id-dokumenti kollha tal-korispondenza li għaddiet bejn il-partijiet qabel l-elezzjoni ta' Frar 2008.

Mid-dokument tal-Gvern

GĦELUQ

Qabel jiddeċiedi, il-Gvern irid jisma' lill-Maltin u lill-Għawdxin u jrid jisma' mill-ATP il-ħsibijiet tagħhom dwar il-futur ta' trasport pubbliku tagħna. B'mod partikolari, irridu nisimgħu dwar l-għażla ta' liema sistema ta' tmexxija li nippreferu u hu għalhekk li qed jiġi ppubblikat dan id-dokument. Id-dokumenti li jmisshom jiġu ppubblikati jirrigwardaw in-netwerk il-ġdid, dak li jirrigwarda l-għamla tal-vetturi u l-istudju finanzjarju tas-sistema sħiħa. Hu l-ħsieb li dawn jiġu ppubblikati bejn Awissu u Ottubru 2008. Dan ikun ifisser illi sa l-aħħar tas-sena tkun tista' ssir diskussjoni sħiħa u infurmata dwar it-trasport pubbliku f'Malta biex sa nofs is-sena d-dieħla, il-Gvern jieħu d-deċiżjonijiet kollha neċessarji biex jibda jimplimenta pjan konkret li jkun irid jilħaq l-oġġettivi maqbula.

Ir-reazzjoni ta' l-ATP

Il-Gvern għandu jirrifletti bil-għaqal u jibbenifika mis-sistema li għandu llum fejn għandu kumpanija waħda li hija l-ATP li għandha l-kapaċitajiet kollha li topera r-rotot kollha ta' pajjiżna, kemm dawk vijabbli kif ukoll dawk ir-rotot li m'humiex, u jkun jista' jimplimenta flimkien magħha r-riformi kollha li jinħtiegu fit-trasport pubbliku, dan billi jerġa' jmur quddiem l-UE u jitlobha tqis iċ-ċirkostanzi speċjali ta' Malta u b'hekk jevita s-sistema ta' tenders u jkun jista' jsir kuntratt għal żmien aktar fit-tul mal-ATP u b'hekk il-Gvern jevita dak li kellu fil-passat; problemi ma' diversi kumpaniji żgħar privati li kienu joperaw ir-rotot tat-trasport pubbliku f'Malta li minn żmien għal żmien jibdew ifallu u dawn jirrikorru fuq il-Gvern biex jgħinhom finanzjarjament biex ikomplu joperaw is-servizz, u fl-aħħar mill-aħħar il-Gvern ikun żamm kelmtu mas-sidien u l-familji tagħhom, hekk kif wegħdhom qabel is-sħubija fl-UE li mhux ser ikun hemm problemi għax in-negozjati li kienu saru, saru fl-interess taċ-ċirkostanzi speċjali ta' pajjiżna.

L-Assoċjazzjoni tfakkar li f'laqgħa li kienet saret għand l-ADT fil-preżenza ta' l-Onor. Ċensu Galea dak iż-żmien Ministru responsabbli mit-Trasport, iċ-Chairman ta' l-ADT, dak iż-żmien Charles Demicoli u Dr Simon Busuttil dak iż-żmien Kap tal-MIC, fil-preżenza ta' diversi sidien li attendew għal din il-laqgħa ftit ġranet qabel ir-Referendum ta' sħubija u l-Elezzjoni Ġenerali, aħna konna ġejna mwegħda li mhux ser ikollna l-ebda problemi bi sħubija fl-UE, dan kollu huwa dokumentat f'minuti li l-Assoċjazzjoni kienet ħadet waqt l-istess laqgħa.

Illum nistaqsu. Għalhekk qatt ma ġew ippublikati n-negozjati li saru fir-rigward tat-trasport pubbliku?

Infakkru li bħala Assoċjazzjoni dejjem tlabna li fin-negozjati fuq it-transport pubbliku, Malta għandha tiġi nnegozjata bħala reġjun u mhux pajjiż, dan minħabba ċ-ċirkostanzi ta' pajjiż żgħir, li faċilment konna niġu aċċettati u ma konniex naffaċċjaw dawn il-problemi tal-lum.

Ilum kif qed tiġi proposta din il-viżjoni għall-futur fit-trasport pubbliku żgur m'hemmx futur għall-ATP, dan għar-raġuni li aħna l-operaturi f'Malta jekk nitilfu t-tender żgur m'għandniex fejn immorru noperaw bix-xarabanks u mhux bħal operaturi oħrajn fl-Ewropa li joperaw fi bliet kbar u f'każ li jitilfu tender jistgħu joperaw fi bliet oħrajn f'pajjiżhom stess.

Carlo Sciberras

From: "Victor Spiteri" <victor.spiteri@atp.com.mt>
To: <gpisani@pn.org.mt>
Sent: Wednesday, January 30, 2008 11:46 AM
Subject: Proposti - laqgha mall- Prim Ministru

Sur Pisani,

Dawn huma l- proposti tal- Kumitat ta' l- Assocjazzjoni Trasport Pubbliku ghall- laqgha li ser tinzamm mall- Prim Ministru nhar is- Sibt 2 ta' Frar fil- 5.00pm:

1) Fin- nuqqas li jidher li m' hemmx il- hsieb min naha tal- Gvern jiffinalizza l- kuntratt qabel l- elezzjoni generali minkejja li dawn id- diskussjonijiet ilhom ghaddejjin ghal dawn l- ahhar tlett snin, lest Onorevoli Prim Ministru li f' dan in- nuqqas tilhaq ftehim iffirmat sabiex id- dhul tas- sidien ghall- din is- sena ikun ta' Lm 16,000 (Eur 37270) u ghas- sena 2009 ikun ta' Lm 16,500 (Eur 38435) u fi tmiem tas- sena 2009 isir il- kuntratt?

2) Fir- rigward tal- kuntratt li jrid isir skond ir- regolamenti li qed titlob l- Unjoni Ewropea ma kull pajjiz membru, inti lest li taghtina l- assigurazzjoni li qeghdin nitolbu? Jew kuntratt li jigi mgedded wara t- terminu tieghu? Inkella tkun assigurata somma ta' flus ghal kull sid sabiex f' kaz ta' terminu ta' dan il- kuntratt, tifhem li s- sidien ikunu tilfu kemm l- investiment li ghandhom kif ukoll l- impieg taghhom?

3) F' kaz li jsir qbil bejn iz- zewg nahat fuq tnaqqis ta' permessi mis- sistema, lest li tikkumpensa ghas- somma li qed titlob l- Assocjazzjoni ghall- kull sid li jispicca l- permess tieghu?

4) Fir- rigward ta' qbil bejn iz- zewg nahat fuq it- tkomplija tal- bdil ta' xarabanks qodma ma dawk godda, ser tkompli taghti t- Lm 32,000 (Eur 74540) f' sussidju kif sehh diga' skond ftehim milhuq?

F' kaz ta' qbil min naha tieghek fuq dawn il- proposti, isir ftehim iffirmat qabel l- elezzjoni generali sabiex il- kumitat ilaqqa' il- membri tieghu u jigi spjegat lilhom dan il- ftehim.

Dejjem tieghek,
Victor Spiteri
President

Dan id-Dokument li jġib id-data ta' 24 ta' Jannar 2008, juri l-ewwel proposti u kuntatti li l-Assoċjazzjoni għamlet mal-Prim Ministru l-Onor. Laurence Gonzi. Wara din l-ittra l-Prim Ministru aċċetta li jiltaqa' ma' l-Assoċjazzjoni s-Sibt 2 ta' Frar 2008 fil-5.00 ta' filgħaxija.

ATP **Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku**
Public Transport Association
Hire of Coaches & Vintage Buses

Subsidiary Company:
Malta Bus Advertising Ltd.
Tel: 2125 2339 – Fax: 2124 5715
www.maltabus.com

41, Dun Ġorġ Preca Street, B'Bajda HMR 02
Tel: 2125 0007/8/9 – Fax: 2124 5715
Website: www.atp.com.mt
E-mail: atp@atp.com.mt

24/1/2008

PROPOSTI GHAL FTEHIM

Onorevoli,

1. Lest li qabel l-elezzjoni taghmel kuntratt mal-Assocjazzjoni?
2. Fin-nuqqas li dal kuntratt mhux possibbli qabel l-elezzjoni, lest li taghmel ftehim iffirmat ghal din is-sena li qeghdin fiha, 2008, d-dhul jkun ta' Lm16,000 (€ 37270) u ghas-sena 2009 jkun ta' Lm16,500 (€38435) u fi tmiem is-sena jsir kuntratt gdid?
3. F'kaz ta' kuntratt gdid, li dan ser jorbotna ghal-perjodu ta' snin, minghajr garanzija li dan jista' jiggedded? lest li toffri somma garantita ghal kull sid f'kaz ta' terminu ta' dan il-kuntratt?
4. F'kaz ta' qbil bejn iz-zewg nahat fuq tnaqqis ta' permessi, lest li tikkumpensa ghas-somma li qed titlob l-Assocjazzjoni ghal kull sid?
5. Fir-rigward il-bdil tax-xarabanks il-godda, se jerga' jkun hemm sussidju minn-naha tal-gvern ghal-bdil?

F'kaz li taqbel ma dawn il-proposti, isir ftehim bil-miktub u iffirmat miz-zewg nahat u l-kumitat lest li b'dan il-ftehim ilaqqa' l-membri tieghu ghal-laqgha generali qabel l-elezzjoni fejn jigi spjegat lilhom dan il-ftehim.

President: Victor Spiteri, V/President: Johnny Camilleri, Segretarju: Felix Fenech, Kaxxier: Alphonse Abela
Membri: Charlie Seychell, Andrew Garnizi, Angelo Fenech

L-Assoċjazzjoni trid tikkonferma l-verita' ta' dak kollu li qed issostni li ġie mwiegħed lillha u għaldqastant qed tipproduċi dokumenti ħalli ssaħħaħ dak li qed tgħid.

MINISTERU GHALL-IŻVILUPP
URBAN U TOROQ

MALTA

MINISTRY FOR URBAN
DEVELOPMENT AND ROADS

Il-Ministru *The Minister*

Lis-Sur Victor Spiteri
President
Assoccjazzjoni Trasport Pubbliku
Blata l-Bajda

26 ta' Frar 2008

Ghaziz

Naghmel referenza ghan-negozjati illi l-Assoccjazzjoni Trasport Pubbliku ghandha ma' l-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta rigward il-kuntratt ghas-servizz tat-trasport pubbliku ghall-ghaxar snin li gejjin. Ninsab fiducjuz illi dawn in-negozjati ser iwasslu ghall-ftehim gust fl-ahjar interess tat-trasport pubbliku fil-parametri tal-legislazzjoni Ewropeja.

Nifhem illi il-ftehim li ser jintlahaq ma jaghtix garanziji lis-sidien tal-vetturi illi jkomplu bix-xoghol taghhom f'gheluq l-ghaxar snin. Il-gvern huwa konxju u dispost li jghin lis-sidien tal-vetturi kemm-il darba ma jkunx hemm estensjoni tal-ftehim li ser jintlahaq.

Ghaldaqstant ninfurmak illi l-Gvern huma kommess illi jaghti kumpens xieraq lis-sidien kollha li jkunu qed joperaw dan is-servizz ta' trasport puibbliku u dan wara diskussjonijet sabiex jintlahaq kumpens gust.

Inselli Ghalik,

Jesmond Mugliett

c.c. Chairman, ADT
CEO, ADT

Wara il-laqgħa pożittiva mal-Prim Ministru l-Onor Laurence Gonzi huwa awtorizza lill-Ministru l-Onor Jesmond Mugliett jikkonferma dak kollu miftiehem fil-laqgħa. L-Onor Ministru Jesmond Mugliett jikkonferma bil-miktub li jekk wara l-perjodu ta' għaxar snin jintilef il-kuntratt minn xi membru jew membri tal-Assoċjazzjoni, il-Gvern ser ikun dispost li jagħti kumpens xieraq lis-sidien.

MALTA TRANSPORT ASSOCIATION
41, Dun Gorg Preca Street, Blata l-Bajda, Malta. Tel: 25007; Fax: 245715

13 June 2000

Dr Simon Busuttil
Director
Malta-EU Information Centre
Old University Building
Valletta

Dear Dr Busuttil

We would like to meet you or representatives of your Centre regarding the negotiations in preparation for Malta's accession to the EU, in so far as these affect Public Transport.

In particular we would like to have information relating to the following matters:

1. interpretation of the screening document with regard to public transport;
2. Malta government's intention regarding negotiations for public transport;
3. the possibilities for continuation of subsidies for public transport with regard to the acquis;
4. competition and liberalization aspects in this sector with regard to the acquis;
5. social and environmental considerations of public transport with regard to the acquis.

Since the matter is of importance for our organization, in view of the upcoming negotiations with the EU , we would like to advise that the meeting be held as soon as possible, preferably before the end of June 2000.

We look foreword to your positive reply.

Sincerely

Victor Spiteri
President

cc. The Hon. Joe Borg, Minister of Foreign Affairs
The Hon. Censu Galea, Minister for transport and Communications
Mr. Richard Cachia Caruana, Malta Negotiating Team.

Id-Dokument t'hawn fuq juri sa mis-sena 2000 l-Assoċjazzjoni kienet attiva ssegwi l-andament tan-negozjati bejn Malta u l-Unjoni Ewropeja.

8 THE TIMES, MONDAY, JULY 30, 2001

THE TIMES

Founded August 7, 1935

On buses and traffic

Mr Victor Spiteri, president of the Public Transport Association, makes a cogent argument on behalf of public transport in his contribution to today's "The country's agenda" (page 11). The points he makes, though coming from an obviously biased person, who has an interest in the business he is writing about, are valid.

Mr Spiteri agrees there is a need for improvement in the public transport sector but, he points out, "if you do not have the tools you cannot offer a better service".

Which is all very reasonable. Though somewhat misleading. For let it be said bluntly – the Public Transport Association *can* deliver a much better service with what it has at its disposal at present. Of course the buses are old, many of them uncomfortable. Who could deny that? But if the members of the association would only get down to it, the service would improve in no mean measure.

For one, if bus drivers could only be brought to show more consideration to their passengers, there would be no end to the improvement in the service. "More consideration" is not just manners, but a driver's attitude to his job. Decent road manners, for instance. Punctuality. Keeping the bus clean. Not being churlish with people. Not cheating. And if they could add a smile to that, why, that would be the icing on the cake.

Of course bus drivers work long hours in highly undesirable conditions. They certainly do not have an easy job. Being at the wheel in the heat of summer on Malta's roads is killing. It is just as bad in winter. But many other people have a job which is just as demanding, and they do not go about it with a chip on their shoulder. After all, the passengers are the bus drivers' and owners' livelihood, and they should do their best to win back those tens of thousands they have driven to using their car, and to giving up using public transport because of the poor service on offer.

Probably one factor leading to the service not improving in spite of the many promises made, and the fare increases given, is that though there are tens of thousands fewer passengers using public transport, no bus licence has been withdrawn.

Mr Spiteri is not alone in believing public transport to be the solution, in considerable part, to the country's transport problems, and increasingly clogged roads. Indeed, the government agrees with him and preaches the use of the buses, but it contributes little to make the traffic problem any easier.

For instance, must we have these huge tourist coaches in the country? We have allowed coaches to be imported which are suitable for Australia or the United States, where tourists go on tours lasting many days, and need room where to store considerable amounts of luggage. The coaches there have to be large enough for that.

But tours here last a matter of hours. Coaches do not need to have luggage room. And yet that is the kind of coaches we have allowed in. The coaches are high, because of the extra room they need for luggage, so they have to be driven in the middle of the road, to prevent tree branches damaging them. And driving in the middle of the road slows the traffic, and probably leads to road rage incidents.

The government is in the process of subsidising the purchase of new buses. Has much thought, really, gone into the size of bus that is needed? Have the reflections made considered that most bus journeys here are of a very short duration? Has that fact had any bearing at all on the ultimate decision as to what kind of bus is needed?

Letters to the Editor

No paradise at all!

It is with great regret that I feel the urge to ... was a p... 'v for young people who started to arrive

Gozo ferry tickets

My wife ...d I are frequent ... sunshine at least four Maltese

Id-dokument t'hawn fuq ikompli jagħti xiehda ta' l-impenn tal-President ta' l-Assoċjazzjoni, s-Sur Victor Spiteri li f'isem l-istess Assoċjazzjoni, jagħmel ta' spiss diversi kontribuzzjonijiet fil-media lokali kif ukoll jattendi diversi forums u taħditiet kemm f'Malta kif ukoll barra xtutna, dejjem bi skop ewlieni li l-Assoċjazzjoni żżomm kuntatt sħiħ kullimkien u ma' kulħadd. Dejjem bl-iskop ewlieni li jitjieb it-trasport pubbliku f'pajjiżna.

ANALYSIS OF

GREEN PAPER TOWARDS A NEW CULTURE FOR URBAN MOBILITY
(Issued by the Commission of the European Communities
Brussels 25.9.2007
COM(2007) 551 final)

Prepared for Assocjazzjoni Trasport Pubbliku (ATP)
Malta

SMART URBAN MOBILITY

By

Dr. Alan Xuereb M.Phil. (Jur.) LL.D.
Managing Partner
Xuereb & Vella Advocates

Malta February 2008

Id-dokument t'hawn fuq huwa studju li l-Assoċjazzjoni kkummissjonat biex flimkien mal-ADT u l-Gvern tkun tista' twettaq il-proposta ta' SME's.

BUSING AROUND

POSITION PAPER
Regarding the Revised Proposal for a

REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL ON PUBLIC PASSENGER TRANSPORT SERVICES BY RAIL AND BY ROAD

FOR
ASSOĊJAZZJONI TRASPORT PUBBLIKU (ATP)
MALTA

Prepared by
Dr. Alan Xuereb M.Phil. (Jur.) LL.D.
Partner
XUEREB & VELLA ADVOCATES©

September 2005
Valletta

Id-dokument t'hawn fuq huwa studju kkommissjonati mill-Assoċjazzjoni bl-għajnuna ta' nies kompetenti u esperti f'dan il-qasam. L-iskop ta' dan l-istudju kien sabiex l-Assoċjazzjoni tgħin u tassisti l-Gvern fin-negozjati għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja.

L-UE taċċetta protezzjoni għal tal-linja, mini-buses, taxis u burdnara

Konferma ta' kemm l-UE tagħti kas iċ-ċirkostanzi speċjali ta' Malta

minn Karl STAGNO-NAVARRA

B'Malta imsieħba fl-Unjoni Ewropea ix-xufiera tal-karrozzi tal-linja, tal-*mini-buses*, tat-taxis kif ukoll il-burdnara jistgħu jibqgħu jżommu l-kwoti li qed jaħdmu bihom illum.

Dan jirriżulta min-negozjati li saru bejn il-Gvern Malti u l-UE dwar il-Kapitlu ta' trasport li ngħalaq nhar il-Ġimgħa waqt it-tkomplija tal-process ta' negozjati għas-sħubija ta' Malta fl-UE.

Imħarsa l-interessi tal-burdnara għal wara s-sħubija fl-UE

Minbarra l-akkwist ta' erba' arranġamenti speċjali f'forma ta' żmien transitorju għall-introduzzjoni ta' miżuri li jaqgħu taħt dan il-Kapitlu, jirriżulta wkoll minn dawn in-negozjati li burdnara jistgħu jibqgħu bl-istess numru limitat tagħhom anke wara s-sħubija fl-UE.

B'dan l-arranġament se jkunu mħarsa l-interessi ta' 113-il burdnar. Fl-istess ħin kien miftiehem ukoll li Malta tista' żżomm l-ammont iffissat li għandha ta' karrozzi tal-linja, *mini-buses* u *taxis*.

Dwar is-sussidji l-UE qalet li Malta, wara s-sħubija, tista' permezz tal-Gvern tibqa' tagħti għajnuna finanzjarja bħala kumpens lis-settur tas-servizz tat-trasport pubbliku kif ukoll li jibqa' jissussidja n-nollijiet tal-*Gozo Channel* u dan biex jagħmel tajjeb għal telf li l-kumpannija jista' jkollha meta tkun qed tipprovdi servizz pubbliku regolari. L-istess jgħodd għas-*Sea Malta*.

Intant, bl-għeluq tal-Kapitl dwar it-Trasport, l-UE ddik-[illegible]

Fl-UE x-xufiera tal-karrozzi tal-linja se jżommu l-kwoti li qed jaħdmu bihom illum

jarat li aċċettat erba' talbiet li ressaq il-Gvern Malti għal perjodi ta' transizzjoni li huma.

• Tliet snin żmien għal twaħħil ta' apparat li jkejjel il-limitu ta' veloċità għal vetturi kbar.

• Sentejn żmien għall-introduzzjoni ta' testijiet obbligatorji tas-*suspension* (molol) u [illegible]

vetturi.

• Tliet snin żmien biex il-ħlas tal-liċenzja tat-triq għal vetturi kbar reġistrati f'Malta u li jinstaqu f'territorju Malti, jiġi jaqbel mar-rata minima ta' l-UE.

• Sentejn żmien biex il-ħlas ta' liċenzja tat-triq għal vetturi kbar tat-tagħbija reġistrati Malta u li jinstaq [illegible] minn [illegible]

minima ta' l-UE.

In-negozjati min-naħa tal-Gvern Malti qed jitmexxew minn Richard Cachia Caruana, Kap tal-*Core-Group* ta' Negozjaturi Maltin.

Il-Kapitlu dwar it-trasport hu t-18-il Kapitlu li ngħalaq s'issa minn Malta kemm ilha tinnegozja ma' l-UE fi żmien

Silta mill-gazzetta "In-Nazzjon" tal-ħarġa ta' Tlieta 30 ta' Ottubru 2004.

EUROPEAN ASSOCIATION OF COMMUNICATION DIRECTORS

PVST International, DP AG, VKZ 74001
EACD 13–15, Rue de la Charité B-1210 Brussels

Public Transport Association
Victor Spiteri
41, Dun Gorg Preca Street
HMR 02 B'Bajda
Malta

European Association of Communication Directors (EACD) AISBL

13–15, Rue de la Charité
B-1210 Brussels
Tel +32 (0)2 219 23 07
Fax +32 (0)2 219 22 92
info@eacd-online.eu
www.eacd-online.eu

Brussels, 22th November 2007

Invitation to the European Communication Summit 2008

Dear Victor Spiteri,

On April 24th - 25th 2008, the second European Communications Summit will be taking place in Brussels! Bringing together leading communications professionals from across the continent, the European Communications Summit 2008 will entail two days of the most up-to-date discussions, cutting-edge topics, top class speakers and excellent networking opportunities.

I am delighted to send you our brand new Save-the-Date Brochure for the ECS 2008. Therein we present the broad range of topics that we will cover, an extract of the interesting speakers who have agreed to join us on the occasion, and a review of the Summit from 2007.

I am looking forward to meeting you in Brussels at the biggest gathering of communication professionals in Europe. For more information you are welcome to visit www.communication-summit.eu.

Best regards,

Herbert Heitmann
President

President: Dr. Herbert Heitmann **Vice Presidents:** Florence Ranson (Managing VP) · Laurynas Bucalis · Arja Suominen
Assessors: Orlando Arango · Isabel Borgas · Neil Corlett · Dirk Delmartino · Thomas Ellerbeck · Jan Hol

N° d'entreprise: 886.470.528 VAT: BE 0886.470.528

Bank Details: ING Belgium SA/NV Account Number: 375-1008091-49 SWIFT (BIC): BBRUBEBB IBAN: BE97 3751 0080 9149

Stedina mill-European Association of Communication Directors lill-President tal-ATP is-Sur Victor Spiteri. Huwa attenda għal dan is-Summit li sar f'Brussels u ħa sehem attiv.

Mr. Victor Spiteri, President
PTA
41, Triq Dun Gorg Preca
Blata l-Bajda HMR 02

26 January 2007

Dear Mr. Spiteri,

The Malta Tourism Authority STAR scheme 2006 (Service Brand Champion), launched last May, has come to an end on the 31st December 2006. The aim of the scheme is to acknowledge and reward front-liners for their excellent service and hospitality.

The monitoring panel, chaired by the undersigned met on the 22nd of January, 2006. The main objective of the panel was to vet and confirm the short-listed winners of the scheme.

We received a total amount of **57 valid nominations from Buses.** Those nominations received after the closing date will be eligible to participate in the STAR scheme of 2007. The awards ceremony for 2006 will be held in March and the top three STAR performers in each category will be invited to attend the ceremony.

The best nominee from each category will be awarded with an 18ct gold lapel-pin, a certificate, as well as a cash prize of Lm500.

We would like to take this opportunity to thank you for your unfailing support throughout the current and future schemes. Should you require further information on the STAR scheme kindly contact the undersigned on telephone number 22915272 or email on john.magri@visitmalta.com

Yours truly,

John Magri
Quality Assurance Officer

Id-dokument ta' fuq juri kif l-ATP hija attiva u tipparteċipa f'kull attività li għaliha tkun mistiedna.

The Right Worshipful The Lord Mayor of Portsmouth

Councillor Tom Blair

Lord Mayor's Parlour
Guildhall
Portsmouth PO1 2AJ
Tel: Portsmouth (023) 9283 4706
Fax: Portsmouth (023) 9283 4317

www.portsmouth.gov.uk

23 July 2003

Dear Mr Spiteri

Thank you so much for the plaque presented to me for the City of Portsmouth on Wednesday 16 July 2003 at the D-Day Museum.

I certainly enjoyed giving the certificates to the Maltese bus drivers on completion of their two week customer service training course and hope they had an opportunity to visit some of our local attractions in Portsmouth.

It is good to keep in touch with our friends in Malta and hope the event continues next year.

Thank you once again and please accept my best wishes.

Yours sincerely

Tom Blair.

Mr Victor Spiteri
President
Assocjazzjoni Trasport Pubbliku
41 Triq Dun Ġorġ
Preca
Blata l-Bajda
HMR 02, MALTA

Dan id-dokument huwa xhieda tal-impenn ta' l-ATP li torganizza korsijiet għax-xufiera tagħha. Normalment dawn il-korsijiet jitmexxew minn esperti barranin.

Int Sid ta' Karozza tal-Linja u trid il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħek jitjiebu

Meta kien fil-gvern, il-Partit Nazzjonalista dejjem ta prijorità lis-servizz tat-trasport pubbliku. F'kull pass li ħa gvern Nazzjonalista dejjem fittex li jisma' l-vuċi ta' l-operaturi kollha fil-qasam tat-trasport, speċjalment tas-sidien tal-karozzi tal-linja. Dejjem ħa ħsieb li jinżamm bilanċ li, filwaqt li jiggarantixxi l-aħjar kundizzjonijiet għas-sidien u l-operaturi tal-karozzi tal-linja, ma jkunx ta' piż żejjed fuq il-passiġġieri.

Kien gvern Nazzjonalista li:

- ✔ **Ħoloq** is-sistema tas-sussidji fuq il-biljetti.
- ✔ **Beda** l-proċess sabiex jinbidlu l-karozzi tal-linja.
- ✔ **Ta l-inċentiv** biex il-piż ta' xiri ta' karozzi ma jkunx kbir fuq is-sidien.

Gvern ġdid Nazzjonlista:

Jiżgura li t-trasport pubbliku jerġa' jaqbad it-triq tal-progress billi:

- ✔ **Jingħataw inċentivi** kemm lil min juża l-karozza tal-linja spiss kif ukoll lis-sidien u operaturi.



Silta mill-Manifest Elettorali tal-Partit Nazzjonalista fil-Gvern